32003D0541

24.7.2003 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 185/41

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2003

li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 97/10/KE dwar id-dħul temporanju u l-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati fl-Unjoni Ewropea mill-Afrika t'Isfel

(notifikata bid-dokument numru K(2003) 1212)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2003/541/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kUndizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni ta' żwiemel minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/160/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikoli 14, 15 u 16 u l-Artikolu 19(i) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2002/635/KE [4], tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE [5] kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2002/84/KE [6], tistabbilixxi l-kundizzjonijiet dwar is-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati u ta' żwiemel għat-tagħmir u r-riproduzzjoni.

(3) L-Anness I tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/10/KE tat-12 ta' Diċembru 1996 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 92/160/KEE, 92/260/KEE u 93/197/KEE dwar id-dħul temporanju u l-importazzjoni fil-Komunità ta' żwiemel reġistrati mill-Afrika t'Isfel [7], kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 2001/622/KE [8], jipprovdi għal garanziji addizzjonali li japplikaw għar-reġjunalizzazzjoni ta' l-Afrika t'Isfel fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati fl-Unjoni Ewropea.

(4) Dawn il-garanziji addizzjonali jeħtieġu li żwiemel reġistrati jkunu residenti għal perjodu speċifiku f'żoni Afrikani speċjali dikjarati bħala li huma ħielsa mill-mard u jistabbilixxu kundizzjonijiet dwar kif żwiemel reġistrati li jkunu destinati biex jiġu trasportati bl-ajru lejn l-Unjoni Ewropea jkunu trasportati lejn l-ajruport f'żona ta' sorveljanza taħt kundizzjonijiet li jipproteġuhom minn vettori.

(5) Meta jitqies il-bżonn ta' iżolazzjoni fi stazzjon ta' kwarantina approvat u protett minn vettori, jidher li jkun ġust jekk żwiemel reġistrati li ħa jiddaħħlu temporanjament jew li ħa jkunu impurtati fl-Unjoni Ewropea jintalbu li jkunu residenti f'żona Afrikana dikjarata bħala li hija ħielsa mill-mard għall-istess perjodu minimu.

(6) Minħabba l-bidliet fl-iskedi tal-linji ta' l-ajru, it-trasport ta' żwiemel reġistrati f'ajruplani *standard* li jġorru l-merkanzija jidher li huwa impossibbli. Għalhekk l-unika alternattiva realistika għat-trasport ta' żwiemel reġistrati hija t-trasport bil-baħar.

(7) Huwa meħtieġ li jkunu stabbiliti l-kundizzjonijiet sabiex żwiemel reġistrati jistgħu jkunu trasportati mingħajr ma jkun kompromess l-istatus tas-saħħa ta' dawn l-annimali matul il-vjaġġ fuq il-baħar mill-port ta' Cape Town, li jinsab fiż-żona ħielsa, sa' port fl-Unjoni Ewropea approvat bħala post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jiddaħħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [9], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/43/KE [10].

(8) Għaldaqstant, id-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 97/10/KE għandhom ikunu emendati.

(9) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-*Food Chain* u s-Saħħa ta' l-Annimali

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 92/260/KEE iċ-ċertifikat F dwar is-saħħa ta' l-annimali huwa mibdul bit-test fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 224, tat-18.8.90, p. 42.
[2] ĠU L 53, tat-23.2.2, p. 37.
[3] ĠU L 130, tal-15.5.92, p. 67.
[4] ĠU L 206, tat-3.8.2, p. 20.
[5] ĠU L 86, tas-6.4.93, p. 16.
[6] ĠU L 287, tal-25.10.2, p. 42.
[7] ĠU L 3, tas-7.1.97, p. 9.
[8] ĠU L 216, ta' l-10.8.1, p. 26.
[9] ĠU L 268, ta' l-24.9.91, p. 56.
[10] ĠU L 162, ta' l-1.7.96, p. 1.

Artikolu 2

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 93/197/KEE iċ-ċertifikat F dwar is-saħħa ta' l-annimali huwa mibdul bit-test fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni 97/10/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Anness I huwa emendat skond l-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.
2. Ma' l-Anness IV huwa miżjud it-test fl-Anness IV ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 2003.

Ghall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

"*— F —*

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għad-dħul temporanju ta' żwiemel reġistrati mill-Afrika t'Isfel fl-Unjoni Ewropea għal perjodu ta' inqas minn 90 jum

Ċertifikat Nru: .....

Pajjiż terz minn fejn intbagħat ([1]): .....

Ministeru responsabbli: .....

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

(a) Nru. tad-dokument ta' identifikazzjoni (passaport): .....

(b) Eżaminat jekk huwiex validu minn: .....
(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. Oriġini u destinazzjoni taż-żiemel

Iż-żiemel għandu jintbagħat minn: .....
(Post ta' esportazzjoni)

direttament għall: .....
(L-Istat Membru u post ta' destinazzjoni)

bl-ajruplan ([3]): .....
(Indika n-numru tat-titjira)

jew

bil-vapur ([3]): .....
(Indika l-isem tal-vapur)

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

III. Informazzjoni dwar is-saħħa

Jiena, il-firmatarju, veterinarju uffiċjali ta' .....
(ikteb l-isem tal-pajjiż)

niċċertifika li ż-żiemel deskritt aktar 'il quddiem:

(a) ġej minn pajjiż fejn hemm l-obbligu li l-mard li ġej ikun notifikat: African horse sickness, dourine, glanders, equine encephalomyelitis ta' kull tip, inkluż Venezuelan equine encephalomyelitis, equine infectious anaemia, vesicular stomatitis, rabies, anthrax;

(b) kien eżaminat illum u ma jidhirx li għandu sintomi kliniċi ta' mard ([2]);

(ċ) ma huwiex immarkat għall-qtil taħt programm nazzjonali għall-qerda ta' mard li jikkontamina jew li jittieħed;

(d) kien residenti matul is-60 jum eżattament qabel l-esportazzjoni f'azjenda taħt sorveljanza veterinarja:

— fit-territorju tal-pajjiż ([1]) minn fejn intbagħat,

u

— fi Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, jekk kien impurtat fil-pajjiż ([1]) minn fejn intbagħat direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea ([3]),

u

— fit-territorju ta' pajjiż terz (1) approvat ghad-dhul temporanju jew ghall-importazzjoni permanenti fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel reġistrati, jekk kien impurtat direttament fil-pajjiż (1) minfejn intbaghat taht kundizzjonijiet li huma, mill-anqas, stretti daqs dawk stabbiliti fir-rigward tad-dhul temporanju u ta' l-importazzjoni permanenti ta' żwiemel reġistrati mill-pajjiż terz konċernat direttament fl-Unjoni Ewropea (3),

u

ghadda minn proċess ta' iżolament qabel l-esportazzjoni matul l-ahhar 40 jum ta' qabel l-esportazzjoni minn ..... (5) ghall-..... (5) fl-istazzjoni ta' kwarantina approvat f' ..... taht il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) iż-żiemel inżamm b'mod permanenti taht kundizzjonijiet li jipproteġuh minn vettori (3);

jew

(ii) iż-żiemel ma nhariġx mill-istallel li huma protetti mill-vettori, mill-anqas, fis-saghtejn ta' qabel inżul ix-xemx sa saghtejn wara t-tlugh tax-xemx fil-jum ta' wara u thalla jeżerċita taht sorveljanza minn veterinarju uffiċjali, u dan wara li kien applikat xi tip ta' repellent ta' l-insetti effettiv qabel ma nhareġ mill-istalla. L-eżerċizzju ghandu jsir f'iżolament strett minn żwiemel li ma jkunux qed jiġu preparati ghall-esportazzjoni taht kundizzjonijiet li, mill-anqas, ikunu stretti daqs dawk mitluba fil-każ ta' dhul temporanju jew fil-każ ta' importazzjoni fl-Unjoni Ewropea (3);

(e) ġej minn territorju ta' pajjiż (1), li fih:

(i) ma kienx hemm każijiet ta' Venezuelan equine encephalomyelitis matul is-sentejn li ghaddew;

(ii) ma kienx hemm każijiet ta' dourine matul is-sitt xhur li ghaddew;

(iii) ma kienx hemm każijiet ta' glanders matul is-sitt xhur li ghaddew;

(iv) ma kienx hemm każijiet ta' vesicular stomatitis matul is-sitt xhur li ghaddew (3);

jew

kien eżaminat fuq kampjun tad-demm mehud fil-perjodu ta' 21-jum mid-data ta' l-esportazzjoni, fil- ..... (5), permezz ta' eżami maghruf bhala virus neutralization test ghal vesicular stomatitis, u r-riżultat kien wiehed negattiv b'dilution ta' 1 fi 12 (3) (4);

(v) fil-każ ta' annimal raġel li ma jkunx imsewwi u li jkollu aktar minn 180 jum:

(1) jew ma kienx hemm każijiet rapportati uffiċjalment ta' viral arteritis fl-ahhar sitt xhur (3),

jew

(2) l-annimal kien eżaminat:

— jew fuq kampjun tad-demm mehud fil-perjodu ta' 21 jum mid-data ta' l-esportazzjoni fl-..... (5) permezz ta' eżami maghruf bhala virus neutralization test ghal equine viral arteritis, u r-riżultat kien wiehed negattiv b' dilution ta' 1 f'4 (3) (4),

jew

— fuq parti mis-semen shiha taż-żiemel mehuda fil-perjodu ta' 21 jum mid-data ta' l-esportazzjoni fl- ..... (5) permezz ta' eżami maghruf bhala virus isolation test ghal equine viral arteritis, u r-riżultat kien wiehed negattiv (3) (4),

jew

(3) l-annimal inghata tilqima fl- ..... (5) kontra l-equine viral arteritis taht sorveljanza minn veterinarju uffiċjali, liema tilqima hija approvata mill-awtorità kompetenti, skond il-programmi ta' tilqim bikri li ġejjin u kien moghti injezzjonijiet ohra fuq intervalli regolari (3) (4).

Programmi ta' tilqim bikri kontra l-equine viral arteritis:

Struzzjonijiet: Aqta' barra l-programmi ta' tilqim li ma japplikax fir-rigward ta' l-annimal deskritt aktar 'il quddiem.

(a) It-tilqim inghata fil-jum li ittiehed il-kampjun tad-demm li aktar tard irriżulta bhala negattiv fl-eżami maghruf bhala virus isolation test ghal equine viral arteritis b' dilution ta' 1 f'4.

(b) It-tilqim inghata matul perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taht sorveljanza ta' veterinarju uffiċjali. Dan il-perjodu jibda mill-jum li fih ittiehed il-kampjun tad-demm li kien eżaminat matul dak il-perjodu u li irriżulta bhala negattiv fl-eżami maghruf bhala virus neutralization test ghal equine viral arteritis b' dilution ta' 1 f'4.

(ċ) It-tilqim inghata meta l-annimal kellu bejn 180 u 270 jum, matul perjodu ta' iżolament taht sorveljanza minn veterinarju uffiċjali. Matul il-perjodu ta' iżolament ittiehdu żewġ kampjuni tad-demm mill-anqas b'perjodu ta' ghaxart ijiem bejniethom u f'eżami maghruf bhala virus neutralization test ghal equine viral arteritis irriżulta li hemm antibody titre stabbli jew li qed jonqos.

(f) mhux ġej minn territorju ta' pajjiż [1] meqjus, skond il-leġislazzjoni Komunitarja, bhala pajjiż fejn hemm każijiet ta' African horse sickness u jew:

— ma kienx tlaqqam kontra l-African horse sickness [3],

jew

— kien tlaqqam kontra l-African horse sickness fl- ..... [5], mhux aktar minn 24-il xahar u mill-anqas 80 jum qabel l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni, permezz ta' tilqim reġistrat u dan skond kif mitlub mill-fabbrikant tat-tilqim [3] [4];

(ġ) mhux ġej minn azjenda li kienet suġġetta ghal ordni ta' projbizzjoni fuq raġunijiet ta' sahha ta' l-annimali liema ordni kien fiha il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) F'każ li ma nqatlux l-annimali kollha ta' l-ispeċi vulnerabbli ghall-marda u li kienu fl-azjeda, il-projbizzjoni damet:

— ghal sitt xhur fil-każ ta' equine encephalomyelitis, liema sitt xhur jibdew jghoddu mill-jum li fih inqatlu ż-żwiemel affettwati mill-marda,

— f'każ ta' anaemia li tittiehed, ghal perjodu mehtieġ sabiex isiru, b'riżultat negattiv, żewġ testijiet maghrufa bhala Coggins, fejn hemm perjodu ta' tlett xhur bejniethom, fuq l-annimali li jifdal wara li jinqatlu l-annimali infettati,

— ghal sitt xhur f'każ ta' vesicular stomatitis,

— ghal xahar mill-ahhar każ rapportat, fil-każ ta' rabies,

— ghal hmistax-il jum mill-ahhar każ rapportat, fil-każ ta' anthrax;

(ii) Jekk inqatlu l-annimali kollha li huma vulnerabbli ghal marda u li kienu fl-azjenda, l-projbizzjoni damet ghal 30 jum jew, fil-każ ta' anthrax ghal 15-il jum. Dawn il-perjodi jibdew fil-jum li fih, wara li nqatlu l-annimali, ikun sar disinfettar sodisfaċenti u totali tal-lokal;

(h) ma kellux, safejn naf jien u skond id-dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tieghu, kuntatt ma' annimali li kellhom sinjali kliniċi ta' mard li jittiehed u li jista' jinxtered fuq żwiemel fil-15-il jum qabel l-iżolazzjoni ta' qabel l-esportazzjoni;

(i) kien sottomess ghall-eżamijiet li ġejjin, liema eżamijiet saru fuq kampjuni tad-demm mehuda fi żmien 21 ġurnata mill-esportazzjoni, fil- ..... [4] [5] u kellhom riżultati negattivi:

— l-eżami maghruf bhala Coggins ghal equine infectious anaemia,

— l-eżami maghruf bhala complement fixation test ghal dourine b'dilution ta' 1 f'5';

(j) kien sottomess f'żewġ okkażżjonijiet ghal eżami ghal *African horse sickness* kif deskritt fl-Anness D tad-Direttiva 90/426/KEE, liema eżamijiet saru fuq kampjuni tad-demm mehuda b'perjodu ta' bejn 21 u 30 ġurnata bejniethom fl- ..... [5] u fl- ..... [5], it-tieni eżami sar fi żmien ghaxart ijiem mill-esportazzjoni. L-eżamijiet kienu jew:

— b' reazzjoni negattiva, jekk ma kienx vaċċinat [3] [4], jew

— minghajr żieda fil-livell ta' l-anti-korpi jekk kien vaċċinat [3] [4];

(k) kien sottomess ghall-eżami maghruf bhala ELISA ghal *equine encephalosis* f'żewġ okkażżjonijiet liema eżami sar fuq kampjuni tad-demm mehuda permezz ta` perjodu ta' bejn 21 u 30 ġurnata bejniethom fl- ..... [5] u fl- ..... [5], It-tieni eżami sar fi żmien ghaxart ijiem mill-esportazzjoni. L-eżamijiet kienu jew:

— b' reazzjoni negattiva [3] [4], jew

— minghajr żieda fil-livell ta' l-anti-korpi [3] [4].

IV. Iż-żiemel ha jintbaghat direttament minn stazzjon tal-kwarantina

(a) jew lejn l-ajruport taht kundizzjonijiet li jipproteġuh minn vetturi u ha jintbaghat lejn l-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jkollu kuntatt ma' żwiemel ohra li ma ghandhomx ċertifikat tal-KE jew ghal importazzjoni permanenti jew ghal dhul temporanju u ha jkun trasportat f'ajruplan li kien imnaddaf u disinfettat minn qabel b'disinfettant rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiż minn fejn ha jintbaghat u li kien sprejjat ghal kontra insetti vetturi eżatt qabel ma jitlaq l-ajruplan [3],

jew

(b) lejn il-port ta' Cape Town taht kondizzjonijiet li jipproteġuh minn vetturi u ha jintbaghat lejn l-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jkollu kuntatt ma' żwiemel ohra li ma ghandhomx ċertifikat tal-KE jew ghal importazzjoni permanenti jew ghal dhul temporanju u ha jkun trasportat fuq vapur li hu skedat biex imur direttament f'port fl-Unjoni Ewropea minghajr ma jieqaf f'port f'territorju ta' pajjiż [1] li mhux approvat ghall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel. Iż-żiemel ha jkun trasportat fi stalel li kienu imnaddfa u diżinfettati minn qabel b'diżinfettant rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiż minn fejn ha jintbaghat u li kienu sprejjati ghal kontra insetti vetturi eżatt qabel it-tluq tal-vapur [3].

Id-dikjarazzjoni mehmuża iffirmata mis-sid jew mir-rappreżentant tieghu huwa parti miċ-ċertifikat.

V. Iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem. Fil-każ ta' trasport bil-baħar, dan iż-żmien ikun estiż saż-żmien tal-vjaġġ bil-baħar.

Dan iċ-ċertifikat flimkien mad-dokument ta' identifikazzjoni (passaport) għandu jakkumpanja liż-żiemel matul il-perjodu kollu li matulu jkun residenti fl-Unjoni Ewropea. Il-perjodu totali li matulu jkun residenti fl-Unjoni Ewropea ma għandux ikun ta' aktar minn 90 jum.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (6)

.....

(Ikteb l-isem f'ittri kapitali u l-kapaċità)

VI. Data u post tad-dħul fl-Unjoni Ewropea .....

.....

.....

.....

(Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali) (6)

Data ta' l-esportazzjoni mill-Unjoni Ewropea: .....

VII. Meta ż-żiemel aktar tard ikun trasportat minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor kif indikat fid-dikjarazzjoni, il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat għandu jkun estiż għal għaxart ijiem ohra minn veterinarju uffiċjali ta' l-Istat Membru minn fejn intbagħat. Il-kontroll fuq l-identita li jsir f'din l-okkażżjoni għandu jkun iċċertifikat fil-passaport.

Jiena, l-firmatarju, eżaminajt iż-żiemel illum u niċċertifika li huwa jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva 90/426/KEE u, b'mod partikolari, il-ħtiġiet tal-paragrafu III (b), (ċ) u (ġ) ta' dan iċ-ċertifikat.

Safejn naf jien, fl-aħħar 15-il jum ma kellux kuntatt ma' żwiemel li jsofru minn mard infettuż jew li jittieħed.

Data ta' eżaminazzjoni	Post ta' eżaminazzjoni	Destinazzjoni	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (6)

.....

(Ikteb l-isem f'ittri kapitali u l-kapaċità)

(1) Territorju ta' pajjiż ifisser it-territorju sħiħ jew parti mit-territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE kif l-aħħar emendata.

(2) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ dakinhar li jitgħabba ż-żiemel biex jintbagħat fid-destinazzjoni fl-Istat Membru jew fl-aħħar jum utli qabel ma jkun imbarkat iż-żiemel u għandu jkun akkompanjat b'dokument ta' identifikazzjoni (passaport) matul il-perjodu li fih ikun residenti fl-Unjoni Ewropea.

(3) Ħassar kif ikun xieraq.

(4) L-eżami mwettaq jew l-eżamijiet imwettqin, ir-riżultati u t-tilqim għandhom ikunu indikati fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport).

(5) Niżżel id-data.

(6) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandhom ikunu differenti minn dik ta' l-istampar.

DIKJARAZZJONI

Jiena, l-firmatarju, is-sid (1) jew ir-rappreżentant ta' sid (1) iż-żiemel deskritt hawn fuq, niddikjara:

1. Iż-żiemel ħa jkun residenti fl-Unjoni Ewropea għal perjodu ta' mhux anqas minn 90 ġurnata u matul dan il-perjodu ħa jinżamm fil-lokalitajiet li ġejjin:

(1) minn ..... (ikteb id-data) sa ..... (ikteb id-data) f' ..... (ikteb il-post) ġewwa ..... (ikteb l-Istat Membru)

(2) minn ..... (ikteb id-data) sa ..... (ikteb id-data) f' ..... (ikteb il-post) ġewwa ..... (ikteb l-Istat Membru)

(3) minn ..... (ikteb id-data) sa (ikteb id-data) f' ..... (ikteb il-post) ġewwa ..... (ikteb l-Istat Membru)

(4) minn ..... (ikteb id-data) sa ..... (ikteb id-data) f' ..... (ikteb il-post)) ġewwa ..... (ikteb l-Istat Membru)

2. Iż-żiemel ħa jintbagħat direttament mill-istazzjon ta' kwarantina fi ..... għal-lokalità fid-destinazzjoni mingħajr ma jkollu kuntatt ma' żwiemel oħra li ma jkollhomx ċertifikat għal dħul temporanju jew għal importazzjoni permanenti fl-Unjoni Ewropea.

3. It-trasport ħa jsir b'mod li jippermetti li s-saħħa u l-kundizzjoni ta' l-annimal ikunu protetti b'mod effettiv.

4. Matul il-15-il jum qabel l-iżolazzjoni ta' qabel l-esportazzjoni iż-żiemel ma kellux kuntatt ma' annimali li jsofru minn mard infettuż jew li jittieħed u li jistgħu jinfirxu qalb żwiemel.

5. Skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali, jiena għamilt l-arranġamenti kollha sabiex nikkonforma mal-kundizzjonijiet fit-Taqsima IV u b'mod partikolari biex nassigura li d-dikjarazzjoni msemmija fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/10/KE ħa tkun mimlija kif suppost u firmata mill-kaptan ta' l-ajruplan jew mill-kaptan tal-vapur mal-wasla fl-ajruport jew fil-port fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u approvat skond id-Direttiva 91/496/KEE bħala post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal żwiemel reġistrati.

6. Iż-żiemel ħa jinħareġ mill-Unjoni Ewropea fl- ..... (2) mill-post fuq il-fruntiera.

.....
(ikteb l-isem u l-post tal-ħruġ)

7. Isem u indirizz tas-sid (1) jew tar-rappreżentant (1): .....

....
(Post, data) (Firma)

Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa .....

.....
Firma tal-veterinarju uffiċjali li jiffirma ċ-ċertifikat (3)

---

(1) Ħassar fejn ikun xieraq.
(2) Ikteb id-data.
(3) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.

L-ANNESS II

"*— F —*

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-importazzjoni ta' żwiemel reġistrati mill-Afrika t'Isfel fl-Unjoni Ewropea (1)

Nru. tac-Ċertifikat: .....

Pajjiż terz minn fejn intbagħat (1): .....

Ministeru responsabbli: .....

I. Identifikazzjoni taż-żiemel

(a) Nru. tad-dokument ta' identifikazzjoni (passaport): .....

(b) Eżaminat jekk huwiex validu minn: .....
(Isem ta' l-awtorità kompetenti)

II. Oriġini u destinazzjoni taż-żiemel

Iż-żiemel ghandu jintbagħat minn: .....
(Post ta' esportazzjoni)

direttament għall-: .....
(L-Istat Membru u post ta' destinazzjoni)

bl-ajruplan (3): .....
(Indika n-numru tat-titjira)

jew

bil-vapur (3): .....
(indika l-isem tal-vapur)

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

Isem u indirizz tad-destinatarju: .....

.....

III. Informazzjoni dwar is-saħħa

Jiena, l-firmatarju, veterinarju uffiċjali ta': .....
(ikteb l-isem tal-pajjiż)

niċċertifika li ż-żiemel deskritt hawn fuq:

(a) ġej minn pajjiż fejn hemm l-obbligu li l-mard li ġej ikun notifikat: African horse sickness, dourine, glanders, equine encephalomyelitis ta' kull tip, inkluż Venezuelan equine encephalomyelitis, equine infectious anaemia, vesicular stomatitis, rabies, anthrax;

(b) kien eżaminat illum u ma jidhirx li għandu sintomi kliniċi ta' mard (2);

(ċ) ma huwiex immarkat għall-qtil taħt programm nazzjonali għall-qerda ta' mard li jikkontamina jew li jittieħed;

(d) kien residenti fit-territorju tal-pajjiż minn fejn qed jintbagħat matul id-90 jum eżatt qabel l-esportazzjoni (jew mit-twelid f'każ li ż-żiemel ikollu anqas minn 90 jum jew mid-dhul f'każ li ż-żiemel kien impurtat direttament minn Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea matul id-90 jum ta' qabel) u matul is-60 jum eżatt qabel l-esportazzjoni fil-parti tal-pajjiż (1) meqjusa bħala ħielsa minn African horse sickness skond il-liġi Komunitarja (jew mit-twelid f'każ li ż-żiemel għandu anqas minn 60 jum jew mid-dhul f'każ li ż-żiemel kien impurtat direttament minn Stat membru ta' l-Unjoni Ewropea matul is-60 jum ta' qabel)

u

għadda minn proċess ta' iżolament qabel l-esportazzjoni matul l-aħħar 40 jum ta' qabel l-esportazzjoni minn ..... (5) għall-..... fl-istazzjoni ta' kwarantina approvat f' ....., taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) iż-żiemel inżamm b'mod permanenti taħt kundizzjonijiet li jipproteġuh minn vettori (3);

jew

(ii) iż-żiemel ma nħariġx mill-istallel li huma protetti mill-vettori, mill-anqas, fis-sagħtejn ta' qabel inżul ix-xemx sa sagħtejn wara t-tlugħ tax-xemx fil-jum ta' wara u thalla jeżerċita taħt sorveljanza minn veterinarju uffiċjali, u dan wara li kien applikat xi tip effettiv ta' repellent ta' l-insetti qabel ma nhareġ mill-istalla. L-eżerċizzju għandu jsir f'iżolament strett minn żwiemel li ma jkunux qed jiġu preparati għall-esportazzjoni taħt kundizzjonijiet li, mill-anqas, ikunu stretti daqs sawk mitluba fil-każ ta' dħul temporanju jew fil-każ ta' importazzjoni fl-Unjoni Ewropea (3);

(e) ġej minn territorju ta' pajjiż (1) li fih:

(i) ma kienx hemm każijiet ta' Venezuelan equine encephalomyelitis matul is-sentejn li għaddew;

(ii) ma kienx hemm każijiet ta' dourine matul is-sitt xhur li għaddew;

(iii) ma kienx hemm każijiet ta' glanders matul is-sitt xhur li għaddew;

(iv) ma kienx hemm każijiet ta' vesicular stomatitis matul is-sitt xhur li għaddew (3);

jew

kien eżaminat fuq kampjun tad-demm meħud fil-perjodu ta' 21-jum mid-data ta' l-esportazzjoni, fil- ..... (5), permezz ta' eżami maghruf bħala virus neutralization test għal vesicular stomatitis, u r-riżultat kien wieħed negattiv b'dilution ta' 1 fi 12 (3) (4);

(v) fil-każ ta' annimal raġel li ma jkunx imsewwi u li jkollu aktar minn 180 jum:

(1) jew ma kienx hemm każijiet rappurtati uffiċjalment ta' viral arteritis fl-aħħar sitt xhur (3),

jew

(2) l-annimal kien eżaminat:

— jew fuq kampjun tad-demm meħud fil-perjodu ta' 21 jum mid-data ta' l-esportazzjoni fl-..... (5) permezz ta' eżami maghruf bħala virus neutralization test għal equine viral arteritis, u r-riżultat kien wieħed negattiv b' dilution ta' 1 f'4 (3) (4),

jew

— fuq parti mis-semen shiha taż-żiemel meħuda fil-perjodu ta' 21 jum mid-data ta' l-esportazzjoni fl-..... (5) permezz ta' eżami maghruf bħala virus isolation test għal equine viral arteritis, u r-riżultat kien wieħed negattiv (3) (4),

jew

(3) l-annimal inghata tilqima fl- ..... (5), kontra l-equine viral arteritis taħt sorveljanza minn veterinarju uffiċjali, liema vaċċinazzjonii hija approvata mill-awtorità kompetenti, skond il-programmi ta' tilqim bikri li ġejjin u kien mogħti injezzjonijiet oħra fuq intervalli regolari (3) (4).

Programmi ta' tilqim bikri kontra l-equine viral arteritis:

Struzzjonijiet: Aqta' barra l-programmi ta' tilqim li ma japplikawx fir-rigward ta' l-annimal deskritt aktar 'il fuq.

(a) It-tilqim inghata fil-jum li ittieħed il-kampjun tad-demm li aktar tard irriżulta bħala negattiv fl-eżami maghruf bħala virus isolation test għal equine viral arteritis b' dilution ta' 1 f'4.

(b) It-tilqim inghata matul perjodu ta' iżolament ta' mhux aktar minn 15-il jum taħt sorveljanza ta' veterinarju uffiċjali. Dan il-perjodu jibda mill-jum li fih ittieħed il-kampjun tad-demm li kien eżaminat matul dak il-perjodu u li riżulta bħala negattiv fl-eżami maghruf bħala virus neutralization test għal equine viral arteritis b' dilution ta' 1 f'4.

(ċ) It-tilqim inghata meta l-annimal kellu bejn 180 u 270 jum, matul perjodu ta' iżolament taħt sorveljanza minn veterinarju uffiċjali. Matul il-perjodu ta' iżolament ittieħdu żewġ kampjuni tad-demm mill-anqas b'perjodu ta' għaxart ijiem bejniethom u f'eżami maghruf bħala virus neutralization test għal equine viral arteritis irriżulta li hemm antibody titre stabbli jew li qed jonqos.

(f) mhux ġej minn territorju ta' pajjiż [1] meqjus, skond il-leġislazzjoni Komunitarja, bhala pajjiż fejn hemm każijiet ta' African horse sickness u jew:

— ma kienx tlaqqam kontra l-African horse sickness [3],

jew

— kien tlaqqam kontra l-African horse sickness fl- ..... [5], mhux aktar minn 24-il xahar u mill-anqas 80 jum qabel l-iżolament ta' qabel l-esportazzjoni, permezz ta' tilqim reġistrat u dan skond kif mitlub mill-fabbrikant tal-vaċċinazzjoni [3] [4];

(ġ) mhux ġej minn azjenda li kienet suġġetta ghal ordni ta' projbizzjoni fuq raġunijiet ta' sahha ta' l-annimali liema ordni kien fiha l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) F'każ li ma nqatlux l-annimali kollha ta' l-ispeċi vulnerabbli ghall-marda u li kienu fl-azjeda, il-projbizzjoni damet:

— ghal sitt xhur fil-każ ta' equine encephalomyelitis, liema sitt xhur jibdew jghoddu mill-jum li fih inqatlu ż-żwiemel affettwati mill-marda,

— f'każ ta' anaemia li tittiehed, ghal perjodu mehtieġ sabiex isiru, b'riżultat negattiv, żewġ testijiet maghrufa bhala Coggins, b'perjodu ta' tlett xhur bejniethom, fuq l-annimali li jifdal wara li jinqatlu l-annimali infettati,

— ghal sitt xhur f'każ ta' vesicular stomatitis,

— ghal xahar mill-ahhar każ rapportat, fil-każ ta' rabies,

— ghal hmistax-il jum mill-ahhar każ rapportat, fil-każ ta' anthrax.

(ii) Jekk inqatlu l-annimali kollha li huma vulnerabbli ghal marda u li kienu fl-azjenda, il-projbizzjoni damet ghal 30 jum jew, fil-każ ta' anthrax ghal 15-il jum. Dawn il-perjodi jibdew fil-jum li fih, wara li jkunu nqatlu l-annimali, ikun sehh disinfettar sodisfaċenti u totali tal-lokal;

(h) ma jidhirx li ghandu sintomi kliniċi ta' equine metritis li tittiehed u mhux ġej minnażjenda fejn kien hemm suspett ta' equine metritis li tittiehed matul l-ahhar xahrejn u lanqas kellu kuntatt indirett jew indirett permezz ta' kopulazzjoni ma' żwiemel infettati jew suspettati li huma infettati b'equine metritis li tittiehed;

(i) ma kellux, safejn naf jien u skond id-dikjarazzjoni tas-sid jew tar-rappreżentant tieghu, kuntatt ma' annimali li kellhom sintomi kliniċi ta' mard infettuż jew li jittiehed u li jista' jinxtered fuq żwiemel fil-15-il jum qabel l-iżolazzjoni ta' qabel l-esportazzjoni;

(j) kien sottomess ghall-eżamijiet li ġejjin, liema eżamijiet saru fuq kampjuni tad-demm mehuda fi żmien 21 ġurnata mill-esportazzjoni, fil- ..... [4] [5] u kellhom riżultati negattivi:

— l-eżami maghruf bhala Coggins ghal equine infectious anaemia,

— l-eżami maghruf bhala complement fixation test ghal dourine b'dilution ta' 1 f'5';

(k) kien sottomess f'żewġ okkażjonijiet ghal eżami ghal African horse sickness kif deskritt fl-Anness D tad-Direttiva 90/426/KEE, liema eżamijiet saru fuq kampjuni tad-demm mehuda permezz ta` perjodu ta' bejn 21 u 30 ġurnata bejniethom fl- ..... [5] u fl- ..... [5], it-tieni eżami sar fi żmien ghaxart ijiem mill-esportazzjoni. L-eżamijiet kienu jew:

— b' reazzjoni negattiva, jekk ma kienx vaċċinat [3] [4],

— minghajr żieda fil-livell ta' l-anti-korpi jekk kien vaċċinat [3] [4];

(l) kien sottomess ghall-eżami maghruf bhala ELISA ghal equine encephalosis f'żewġ okkażżjonijiet liema eżami sar fuq kampjuni tad-demm mehuda permezz ta` perjodu ta' bejn 21 u 30 ġurnata bejniethom fl- ..... [5] u fl- ..... [5], It-tieni eżami sar fi żmien ghaxart ijiem mill-esportazzjoni. L-eżamijiet kienu jew:

— b' reazzjoni negattiva [3] [4], jew

— minghajr żieda fil-livell ta' l-anti-korpi [3] [4].

IV. Iż-żiemel ha jintbagħat direttament minn stazzjon tal-kwarantina

(a) jew lejn l-ajruport taht kundizzjonijiet li jipproteġuh minn vetturi u ha jintbagħat lejn l-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jkollu kuntatt ma' żwiemel ohra li ma ghandhomx ċertifikat tal-KE jew ghal importazzjoni permanenti jew ghal dhul temporanju u ha jkun trasportat f'ajruplan li kien imnaddaf u disinfettat minn qabel b'disinfettant rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiż minfejn ha jintbaghat u li kien sprejjat ghal kontra insetti vetturi eżatt qabel ma jitlaq l-ajruplan (3),

jew

(b) lejn il-port ta' Cape Town taht kundizzjonijiet li jipproteġuh minn vetturi u ha jintbagħat lejn l-Istat Membru ta' l-Unjoni Ewropea minghajr ma jkollu kuntatt ma' żwiemel ohra li ma ghandhomx ċertifikat tal-KE jew ghal importazzjoni permanenti jew ghal dhul temporanju u ha jkun trasportat fuq vapur li hu skedat biex imur direttament f'port fl-Unjoni Ewropea minghajr ma jieqaf f'port f'territorju ta' pajjiż (1) li mhux approvat ghall-importazzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' żwiemel. Iż-żiemel ha jkun trasportat fi stallel li kienu imnaddfa u disinfettati minn qabel b'disinfettant rikonoxxut uffiċjalment fil-pajjiż minfejn ha jintbaghat u li kienu sprejjati ghal kontra insetti vetturi eżatt qabel it-tluq tal-vapur (3).

Id-dikjarazzjoni mehmuża iffirmata mis-sid jew mir-rappreżentant tieghu hija parti miċ-ċertifikat.

V. Iċ-ċertifikat huwa validu ghal ghaxart ijiem. Fil-każ ta' trasport bil-bahar, dan iż-żmien ikun estiż saż-żmien tal-vjaġġ bil-bahar.

Data	Post	Timbru u firma tal-veterinarju uffiċjali (6)

.....

(Ikteb l-isem f'ittri kapitali u l-kapaċità)

(1) Territorju ta' pajjiż ifisser it-territorju shih jew parti mit-territorju skond l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE kif stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/160/KEE kif l-ahhar emendata.

(2) Iċ-ċertifikat ghandu jinhareġ dakinhar li jitghabba ż-żiemel biex jintbagħat fid-destinazzjoni fl-Istat Membru jew fl-ahhar jum utli qabel ma jkun imbarkat iż-żiemel u ghandu jkun akkumpanjat b'dokument ta' identifikazzjoni (passaport) matul il-perjodu li fih ikun residenti fl-Unjoni Ewropea.

(3) Hassar kif ikun xieraq.

(4) L-eżami mwettqa jew l-eżamijiet imwettqin, ir-riżultati u t-tilqim ghandhom ikunu indikati fid-dokument ta' identifikazzjoni (passaport).

(5) Niżżel id-data.

(6) Il-kulur tat-timbru u tal-firma ghandhom ikunu differenti minn dik ta' l-istampar.

DIKJARAZZJONI

Jiena, il-firmatarju, ...sid iż-żiemel (1) jew ir-rappreżentant ta' sid (1)
(ikteb l-isem tal-pajjiż)

iż-żiemel deskritt hawn fuq, niddikjara:

1. Iż-żiemel ha jintbagħat direttament mill-istazzjon ta' kwarantina li jinsab f' .....
(ikteb l-isem tal-post fejn jinsab l-istazzjon ta' kwarantina)

   għad-destinazzjoni mingħajr ma jitħalla jkollu kuntatt ma' żwiemel oħra li ma jkollhomx ċertifikat għal dħul temporanju jew importazzjoni permanenti fl-Unjoni Ewropea.

2. L-annimal inżamm f' ..... (pajjiż ta' esportazzjoni (1)) mit-twelid jew iddaħħal fil-pajjiżta' esportazzjoni (1) ta' l-anqas 60 jum qabel din id-dikjarazzjoni.

3. Matul il-15-il jum qabel l-iżolazzjoni ta' qabel l-esportazzjoni iż-żiemel ma kellux kuntatt ma' annimali li jsofru minn mard li jittieħed u li jista` jinfirex qalb żwiemel.

4. Skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju uffiċjali, jiena għamilt l-arranġamenti kollha sabiex nikkonforma mal-kundizzjonijiet fit-Taqsima IV u b'mod partikolari biex nassigura li d-dikjarazzjoni msemmija fl-Anness IV tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/10/KE ħa tkun mimlija kif suppost u firmata mill-kaptan ta' l-ajruplan jew mill-kaptan tal-vapur mal-wasla fl-ajruport jew fil-port fit-territorju ta' l-Unjoni Ewropea u approvat skond id-Direttiva 91/496/KEE bħala post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal żwiemel reġistrati.

....
(Post, data) (Firma)

Numru taċ-ċertifikat tas-saħħa .....

.....
(Firma tal-veterinarju uffiċjali li jiffirma ċ-ċertifikat) (2)

(1) Ħassar fejn ikun xieraq.
(2) Il-kulur tat-timbru u tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar.'

L-ANNESS III

L-Anness I tad-Deċiżjoni 97/10/KE huwa emendat kif ġej:

1. Il-Punt 7.1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"7.1. Żwiemel reġistrati li ħa jkunu impurtati b'mod permanenti fl-Unjoni Ewropea jridu jkunu residenti fil-pajjiż minfejn intbagħtu għal mill-anqas 90 jum, jew mit-twelid f'każ li jkollhom anqas minn 90 jum, jew minn meta jkunu iddaħħlu fil-każ li jkunu impurtati direttament mill-Unjoni Ewropea matul id-90 jum qabel iċ-ċertifikazzjoni għall-esportazzjoni għall-Unjoni Ewropea u jridu jkunu baqgħu fiż-żona ħielsa għal mill-anqas 60 jum jew mit-twelid f'każ li għandhom anqas minn 60 jum, jew minn meta jkunu iddaħħlu fil-każ li jkunu impurtati direttament fiż-żona ħielsa mill-Unjoni Ewropea matul is-60 jum qabel iċ-ċertifikazzjoni għall-esportazzjoni għall-Unjoni Ewropea."

2. Il-Punt 11 huwa mibdul b'dan li ġej:

"11. Jekk żwiemel reġistrati jkunu trasportati bl-ajru, it-trasport taż-żwiemel mill-istazzjoni ta' kwarantina sa' l-ajruplan isir taħt kundizzjonijiet li jipproteġuhom minn vettori. Dawn il-kundizzjonijiet jinżammu matul il-vjaġġ kollu."

3. Il-punt li ġej huwa miżjud bħala punt 12:

"12. Jekk żwiemel reġistrati jkunu trasportati bil-baħar, għandhom japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

Vapuri li jittrasportaw żwiemel reġistrati mill-port ta' Cape Town lejn port fl-Unjoni Ewropea approvat skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE bħala post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għal kontrolli veterinarji fuq żwiemel reġistrati, ma jistgħux, fl-ebda punt bejn it-tluq u l-wasla tagħhom fid-destinazzjoni tagħhom, jieqfu f'port fit-territorju jew f'parti mit-territorju ta' pajjiż terz li ma huwiex approvat għall-importazzjoni ta' żwiemel fl-Unjoni Ewropea. Il-kaptan tal-vapur għandu jagħti prova li dawn il-kundizzjoni kienu rispettati billi jimla d-dikjarazzjoni fl-Anness IV."

L-ANNESS IV

"L-ANNESS IV

Dikjarazzjoni mill-kaptan tal-vapur

(Din għandha timtela u mbagħad tiġi mehmuża maċ-ċertifikat veterinarju meta t-trasport lejn il-fruntiera ta' l-Unjoni Ewropea jkun jinvolvi, anki jekk għall-parti mill-vjaġġ, trasport permezz ta' vapur.)

Jiena, il-firmatarju, kaptan tal-vapur ..... niddikjara li:
(ikteb l-isem tal-vapur)

1. L-annimali msemmija fiċ-ċertifikat veterinarju mehmuż, Nru ..... inżammu abbord il-vapur matul il-vjaġġ mill-port ta'..... ġewwa .....
(ikteb l-isem tal-port) (pajjiż minfejn fejn kienu esportati)

   sa ..... fl-Unjoni Ewropea.
(ikteb l-isem tal-port)

2. Matul il-vjaġġ, il-vapur ma żar l-ebda port barra l-pajjiż ta' esportazzjoni fi triqtu lejn l-Unjoni Ewropea minbarra:
.....
(ikteb il-portijiet li żar il-vapur fi triqtu lejn l-Unjoni Ewropea)

3. Matul il-vjaġġ l-annimali ma thattewx u lanqas ma ġew f'kuntatt ma annimali oħra abbord il-vapur li għandhom status ta' saħħa anqas minn dak mitlub mill-Unjoni Ewropea.

Magħmula ġewwa ..... nhar .....
(Post fejn wasal il-vapur) (Jum meta wasal il-vapur)

Timbru

.....
(firma tal-Kaptan)

Isem f'ittri kapitali u t-titolu: .....'.